MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 525/2002

**Panta Marketing and Services Ltd.**

**vs**

**Carmelo Gauci Ltd.**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, mija u sittin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm3,160.81), rapprezentanti prezz fuq bejgh, konsenja, nstallazzjoni u certifikazzjoni ta' '*airconditioning unit*' kif ukoll xoghol fuq l-istess, maghmula lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghhom stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali relattiva u l-imghaxijiet legali, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-2 ta' Gunju, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------